MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2012

Numru. 376/2008

Il-Pulizija
(Sup. Norbert Ciappara)
vs
Rose Calleja, bint Alfred Azzopardi, imwielda Pieta’ fid-29 ta’ Settembru, 1965, Karta ta’ l-Identita numru 468865(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputata talli f’dawn il-Gżejjer fil-25 ta’ Frar, 2007 u matul l-aħħar ġranet mingħajr awtorita legali jew mingħajr skuża leġittima jew raġonevoli xtrat jew irċeviet mingħand xi persuna, kif ukoll kellha fil-pussess tagħha,biljetti tal-flus falsifikati, meta kienet taf li l-istess huma falsifikati.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-15 ta’ Ġunju, 2010 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputata u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija taħt dak li hemm maħsub:

a. fl-artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Liġijiet ta’ Malta; u
b. fl-artikoli 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;

bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Frar, 2012 fejn l-imputata tat il-kunsens tagħha biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ frar, 2012 fejn l-imputata ammettiet l-akkuża miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukata ta’ l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundanna lill-imputata għal piena ta’ sitt xhur priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputata tikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sitt xhur mil-lum. Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbdu ebda esperti fil-proċeduri. Tordna d-distruzzjoni tal-karta ta’ l-Lm10 falza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------